31999D0725

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Ottubru 1999

li temenda d-Deċiżjoni 85/377/KEE li tistabilixxi tipoloġija Komunitarja għal ażjendi agrikoli

(notifikata taħt id-dokument numru K(1999) 3414)

(1999/725/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 79/65/KEE tal-15 ta' Ġunju 1965 li jistabbilixxi *'network'* għall-kollezzjoni ta' *data* tal-konteġġi dwar id-dħul u l-operazzjoni tan-negozju ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ekonomika Ewropea (1), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1256/97 (2), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 85/377/KEE tas-7 ta' Ġunju 1985 li tistabbilixxi tipoloġija Komunitarja għal ażjendi agrikoli (3), kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/393/KE(4), hija l-bażi għall-klassifikazzjoni ta' azjendi agrikoli skond id-daqs ekonomiku u t-tip ta' biedja kemm fl-istħarriġ ta' l-istruttura tar-razzett kemm taħt in-*network* tad-*data* tal-konteġġi tal-biedja (NDKB); billi t-tipoloġija Komunitarja hija wkoll il-bażi għall-kalkolazzjoni tad-daqs ta' l-unitajiet Ewropej (UED) u għall-limiti wżati biex jiddelimitaw il-qasam ta' l-osservazzjoni u għat-tfassil tal-pjan għall-għażla ta' l-azjendi bi dħul inkluż jew li għandhom jiġu nklużi fin-NDKB;

(2) ir-riżultati ta' l-istħarriġ ta' l-istruttura tal-biedja, kklassifikati mill-UED u mit-tip ta' biedja jservu bħala l-bażi għad-definizzjoni tal-qasam ta' l-osservazzjoni tan-NDKB, li jservu bħala bażi għall-għażla u l-ippeżar tal-kampjun tal-biedja tan-NDKB; billi l-għażla ta' l-azjendi bir-dħul għall-qasam ta' osservazzjoni għandha tkun rappresentattiva f'termini ta' l-objettivi ta' kull wieħed mill-analiżi ppjanati;

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88)5), kif l-aħħar emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumissjoni 98/377/KE(6), ġie estiż sabiex jipprovdi għal serje ta' stħarriġ dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli mill-1998 sa l-2007 u jelenka il-karatteristiċi li għandhom jiġu mistħarrġa;

(4) l-istruttura u l-kontenut tal-lista tal-karatteristiċi ta' l-istħarriġ għall-istħarriġ bażiku Komunitarju ta' l-1999/2000 ġew emendati, sabiex il-karatteristiċi fil-lista l-ġdida jvarjaw minn dawk rekordjati fl-istħarriġ preċedenti u huwa għalhekk meħtieġ li d-Deċiżjoni 85/37/KEE tiġi adattata għall-listi tal-karatteristiċi ta' l-istħarriġ preskritti bir-Regolament (KEE) Nru 571/88;

(5) modifikazzjoni tal-klassijiet tad-daqs ekonomiku ta' azjendi applikati fit-tipoloġija Komunitarja hija adattata sabiex turi l-iżvilupp fl-istruttura ta' l-agrikoltura fi ħdan il-Komunità;

(6) il-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjonijiet tal-Kumitat Komunitarju għan-*network* tad-*data* tal-konteġġi tal-Biedja u tal-Kumitat Permanenti għall-istatistika agrikola,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-Annessi II u III li jinsabu mad-Deċiżjoni 85/377/KEE huma emendati kif ġej:

1. Annex II:
   (a) l-intestatura tat-Taqsima Ċ, is-Sezzjoni I, hija sostitwita bit-test li ġej:
   "Kodiċi li jirraggruppaw diversi karatteristiċi inklużi fl-istħarriġ ta' l-istruttura tal-biedja ta' l-1999/2000";;
   (b) fit-taqsima Ċ, is-Sezzjoni II, it-tabella tal-korrispondenza hija sostitwita bit-tabella fl-Anness I li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.
2. Annex III:
   It-Taqsima Ċ hija sostitwita bit-test fl-Anness II li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Ottubru 1999.

Għall-Kummissjoni
Pedro SOLBES MIRA
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

II. **II. Korrispondenza bejn l-intestaturi ta' l-istħarriġ ta' struttura u d-dħul tal-biedja tan-***network* **tad-***data* **tal-konteġġi tal-biedja (NDKB)**

Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni ta' SGM			
Stħarriġ bażiku Komunitarju 1999/2000 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/377/KE)		Dħul tal-biedja tan-NKDB (Ir-Regolament tal-Kumissjoni (KEE) Nru 2237/77 [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2940/93 [2])	
I. 1. L-UĊUH			
D01	Qamħ komuni u qamħ bi żbul li ma jinqalax	120.	Qamħ komuni u qamħ bi żbul li ma jinqalax
D02	Qamħ tad-*durum*	121.	Qamħ tad-*durum*
D03	Sikrana	122.	Sikrana (inkluż il-maħlut)
D04	Xgħir	123.	Xgħir
D05	Ħafur	124.	Ħafu
		+	+
		125.	Taħlit ta' ċereali tas-sajf
D06	Żerriegħa tal-qamħirrum	126.	Żerriegħa tal-qamħirrum (inkluża żerriegħa tal-qamħirrum niedja)
D07	Ross	127.	Ross
D08	Ċereali oħrajn	128.	Ċereali oħrajn
D09	Agumi għall-produzzjoni taż-żerriegħa (inkluż żrieragħ u taħlit ta' ċereali u agumi),	129.	Agumi niexfa
	Li minnhom:		
	– – –	329.	Agumi niexfa għall-għalf imkabbra bħala wiċċ wieħed: Piżelli, fażola ħadra, ġulbiena, lupini ħelwin
	– – –	330.	Uċuh oħrajn ta'
D09ċ:	Piżelli, uċuh puri biex jinħasdu niexfa għall-għalf		– – –
D09d	Fażola ħadra, uċuh puri biex jinħasdu niexfa għall-għalf:		– – –
D10	Patata (inkluża patata bikrija u patata taż-żerriegħa)	130.	Patata (inkluża patata bikrija u żerriegħa)
D11	Pitravi (bl-esklużjoni taż-żerriegħa)	131.	Pitravi (bl-esklużjoni taż-żerriegħa)
D12	Egħruq għall-għalf u *brassicas* (bl-esklużjoni taż-żerriegħa)	144.	Egħruq għall-għalf u *brassicas* (bl-esklużjoni taż-żerriegħa)
D13	Pjanti industrijali (inkluża ż-żerriegħa għal pjanti erbaċi taż-żerriegħa taż-żejt; bl-esklużjoni ta' żerriegħa għall-pjanti tal-fibri, ħops, tabakk u pjanti oħra industrijali)		– – –
	Li minnhom:		
	(a) tabakk	134.	Tabakk
	b) (b).ħops	133.	Ħops

Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni ta' SGM			
Stharriġ bażiku Komunitarju 1999/2000 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/377/KE)		Dħul tal-biedja tan-NKDB (Ir-Regolament tal-Kumissjoni (KEE) Nru 2237/77 [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2940/93 [2])	
	(ċ) qoton	347.	Qoton
	(d) pjanti oħrajn taż-żerriegħa taż-żejt jew pjanti tal-fibri u pjanti industrijali oħrajn:		
	(i) pjanti taż-żerriegħa taż-żejt jew pjanti tal-fibri (total)	132.	Uċuh erbaċi taż-żerriegħa taż-żejt
	li minnhom:		
	– ir-rapa u r-rapa tan-neweb	331.	Rapa
	– il-ġirasol	332.	Ġirasol
	– is-soja	333.	Soja
	– – –	334.	Oħrajn
	(ii) pjanti aromatiċi, pjanti mediċinali u kulinari	345.	Kondimenti ta' pjanti mediċinali, aromatiċi u spajsis inklużi t-te, il-kafe u ċ-*ċikwejra*tal-kafe
	(iii) pjanti industrijali oħrajn	346.	(Zokkor tal-kannamieli
		+	+
		348.	Pjanti industrijali oħrajn)
D14	Ħaxix frisk, bettiegħ, frawli: mkabbar barra jew taħt kopertura ta' protezzjoni baxxa (mhux aċċessibbli)		– – –
	Li minnhom:		
D14a	għalqa miftuħa	136.	Ħaxix frisk ta' l-għelieqi, bettiegħ u frawli ta' l-iskala ta' l-egħlieqi mkabbra fil-beraħ
D14b	imkabbra f'ġonna għas-suq	137.	Ħaxix frisk, bettiegħ, frawli, mkabbra f'ġonna tas-swieq fil-beraħ
D15	Ħaxix frisk, bettiegħ, frawli: taħt kopertura tal-ħġieġ jew oħra ta' protezzjoni (aċċessibbli)	138.	Ħaxix frisk, bettiegħ u frawli taħt protezzjoni
D16	Fjuri u pjanti ornamentali (esklużi l-mixtla): ta' barra jew taħt kopertura baxxa ta' protezzjoni (mhux aċċessibbli)	140.	Fjuri u pjanti ornamentali mkabbra fil-beraħ (bl-esklużjoni tal-mixtla)
D17	Fjuri u pjanti ornamentali (bl-esklużjoni tal-mixtli): taħt il-ħġieġ jew taħt kopertura ta' protezzjoni oħra (aċċessibbli)	141.	Fjuri u pjanti ornamentali mkabbra għall-kenn
D18	Pjanti għall-għalf		
	(a) ħaxix temporanju	147.	Ħaxix temporanju
	(b) oħrajn	145.	Pjanti oħrajn għall-għalf
	Li minnhom:		
	(i) qamħirrum aħdar (qamħirrum għas-sillaġġ)	326.	Qamħirrum għall-għalf
	(ii) pjanti tal-legumi		– – –
	– – –	327.	Code en erreur: 8eVereali tas-sillaġġ oħrajn
	– – –	328.	Pjanti għall-għalf oħrajn
D19	Żerriegħa tar-raba' għall-ħsad u żerriegħa żgħira (bl-esklużjoni taċ-ċereali, l-ħaxix niexef, il-patata u l-pjanti taż-żerriegħa taż-żejt)	142.	Żerriegħa tal-ħaxix
		+	+
		143.	Żerriegħa oħra

Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni ta' SGM			
Stharriġ bażiku Komunitarju 1999/2000 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/377/KE)		Dhul tal-biedja tan-NKDB (Ir-Regolament tal-Kumissjoni (KEE) Nru 2237/77 [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2940/93 [2])	
D20	Uċuh tar-raba' oħrajn għall-ħsad	148.	Użuh għall-ħsad oħrajn mhux inklużi fl-intestaturi 120 sa 147
		+	+
		149.	Raba' lest għaż-żriegħ mikri lill-oħrajn, inkluż raba' magħmul disponibbli għall-impjegati bħala benefiċċju mod ieħor
D21	Raba' mhux miżrugħ mingħajr ebda sussidji	146.	Raba' mhux miżrugħ — - Kodiċi 0: Raba' mhux miżrugħ (mingħajr "raba' mwarrab")
D22	Raba' mwarrab mhux miżrugħ suġġett għal skemi ta' inċentivi b'ebda użu ekonomiku	146.	— - Kodiċi 5: raba' mhux miżrugħ, b'possibilitajiet ta' rotazzjoni (skond ir-Regolament tal-Kunsill Nru 797/85/KEE) + — - Kodiċi 8: żona mwarrba obbligatoja u mhux koltivata (skond ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1765/92/KEE_
F01	Marġ permanenti u mergħat: Marġ u mergħa, eskluži r-regħi ħorox	150.	Mergħat u marġ permanenti
F02	Marġ permanenti u mergħat: Regħi ħorox	151.	Regħu aħrax
G01	Pjantazzjonijiet tal-frott u l-koċċ	152.	Ġonna tal-frott u tal-koċċ
	(a) frott frisk u speċi tal-koċċ ta' żoni ta' klima medja	349.	Frott tal-*pome*
		+	+
		350.	Frott ta' l-għadma
		+	+
		352.	Frott żgħir u koċċ
	(b) frott u speċji tal-koċċ ta' żoni ta' klima subtropikali	353.	Frott tropikali u subtropikali
	(ċ) lewż	351.	Lewż
G02	Pjantazzjonijiet taċ-ċitru	153.	Ġonna tal-frott taċ-ċitru
G03	Pjantazzjonijiet taż-żebbuġ	154.	Ortijiet taż-żebbuġ
	(a) li normalment jipproduċu żebbuġ għall-ikel	281.	Żebbuġ għall-ikel
	(b) li normalment jipproduċu żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt	282.	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt
		+	+
		283.	Żejt taż-żebbuġa
G04	Dwieli	155.	Dwieli
	Li minnhom normalment jipproduċu: (a) nbid ta' kwalità	286.	Għeneb għal inbid ta' kwalità
		+	+
		289.	Inbid ta' kwalità

Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni ta' SGM			
Stħarriġ bażiku Komunitarju 1999/2000 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/377/KE)		Dħul tal-biedja tan-NKDB (Ir-Regolament tal-Kumissjoni (KEE) Nru 2237/77 [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2940/93 [2])	
	(b) bejjed oħrajn	287.	Għeneb għall-inbid tal-mejda u nbid minbarra nbid ta' kwalità
		+	+
		288.	Prodotti mixxellanji tad-dwieli: most ta' l-egħneb, sugu, *brandy*,ħall u prodotti oħrajn fuq ir-razzett
		+	+
		290.	Inbid tal-mejda u nbid minbarra inbid ta' kwalità
	(ċ) għeneb għall-ikel	285.	Għeneb għall-ikel
	(d) Żbib	291.	Żbib
G05	Mixtli	157.	Mixtli
G06	Uċuh permanenti oħrajn	158.	Uċuh permanenti oħrajn
G07	Uċuh permanenti taħt il-ħġieġ	156.	Uċuh permanenti mkabbra għall-kenn
I01	Uċuh sekondarji suċċessivi (bl-esklużjoni ta' uċuh tas-suq/tal-ġonna u ta' uċuh taħt il-ħġieġ) li minnhom: (a) ċereali mhux għall-għalf (D01 sa D08) (b) Ħaxix niexef mhux għall-għalf (D09) (ċ) Pjanti taż-żerriegħa taż-żejt mhux għall-għalf (D13(d)(i)) (d) Uċuh sekondarji suċċessivi oħrajn		Il-Kultura tal-Kodiċi "3" jew "7"
I02	Faqqiegħ	139.	Faqqiegħ
E	Ġonna tal-kċejjen		– – –

II. II. BHEJJEM

J01	Equidae	22.	*Equidae* (l-etajiet kollha)
J02	Annimali bovini, taħt sena	23.	Għoġġiela għas-simna
		+	+
		24.	Bhejjem oħrajn ta' inqas minn sena
	(a) rġiel		– – –
	(b) nisa		– – –
J03	Annimali bovini rġiel, ta' iktar minn sena iżda taħt sentejn	25.	Bhejjem irġiel, ta' iktar minn sena iżda taħt sentejn
J04	Annimali bovini nisa, ta' iktar minn sena iżda taħt sentejn	26.	Bhejjem nisa, ta' iktar minn sena iżda taħt sentejn
J05	Annimali bovini rġiel, ta' sentejn u iktar	27.	Bhejjem irġiel, ta' sentejn jew iktar

Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni ta' SGM			
Stħarriġ bażiku Komunitarju 1999/2000 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/377/KE)		Dħul tal-biedja tan-NKDB (Ir-Regolament tal-Kumissjoni (KEE) Nru 2237/77 [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2940/93 [2])	
J06	Erħiet, ta' sentejn u iktar	28.	Erħiet għat-trobbija
		+	+
		29.	Erħiet għas-simna
J07	Baqar tal-ħalib	30.	Baqar tal-ħalib
		+	+
		31.	Baqar tal-ħalib *cull*
J08	Baqar oħrajn	32.	Baqar oħrajn 1. Annimali bovini nisa, li kellhom iż-żgħar (inklużi dawk ta' inqas minn sentejn) li jinżammu esklussivament jew prinċiplament għall-produzzjoni u għall-għoġġiela 2. Baqar għax-xogħol 3. Baqar *cull*
J09	Nagħaġ (l-etajiet kollha)		– – –
	(a) nisa għat-tammir	40.	-40. Nagħaġ nisa (ta' sena jew iktar)
	(b) nagħaġ oħrajn	41.	-4. Nagħaġ oħrajn
J10	Mogħoż (l-etajiet kollha)		– – –
	(a) nisa għat-tgħammir	-38.	Nisa għat-tgħammir
	(b) mogħoż oħrajn	-39.	Mogħoż oħrajn
J11	Majjali żgħar li għandhom piż ħaj taħt l-20 kilogramma	43.	Majjali żgħar inqas minn 20 kilogramma piż ħaj
J12	Majjali nisa għat-tagħammir li jiżnu 50 kilogramma u iktar	44.	Majjali nisa għat-tgħammir ta' 50 kilogramma jew iktar
J13	Majjali oħrajn	45.	Majjali għas-simna
		+	+
		46.	Majjali oħrajn
J14	Flieles	47.	Tiġieġ għall-ikel
J15	Tiġieġ li jbidu	48.	Tiġieġ li jbidu
J16	Tjur oħrajn (papri, dundjani, wiżż, fawran)	49.	Tjur oħrajn
J17	Fniek, nisa għat-tgħammir	34.	Fniek, nisa għat-tgħammir
J18	Naħal	33.	Naħal

[1] ĠU L 263, tas-17.10.1977, pġ.1.
[2] ĠU L 265, tas-26.10.1993, p. 26.

L-ANNESS II

"Ċ. KLASSIJIET TA' DAQS EKONOMIKU TA' AZJENDI

L-azjendi huma kklassifikati skond il-klassijiet tad-daqs, li l-limiti tagħhom huma stipulati hawn taħt.

Klassijiet	Limiti f'UED
I	Inqas minn 2 UED
II	Minn 2 sa inqas minn 4 UED
III	Minn 4 sa inqas minn 6 UED
IV	Minn 6 sa inqas minn 8 UED
V	Minn 8 sa inqas minn 12 UED
VI	Minn 12 sa inqas minn 16 UED
VII	Minn 16 sa inqas minn 40 UED
VIII	Minn 40 sa inqas min 100 UED
IX	Minn 100 UED sa inqas minn 250 UED
X	Ugwali għal jew iktar minn 250 UED

Ir-regoli preskritti għall-applikazzjoni fil-qasam tan-*network* tad-*data* tal-konteġġi tal-biedja u l-istħarriġ Komunitarju ta' azjendi agrikolu jistgħu jipprovdu li l-klassijiet tad-daqs III u IV, V u VI, u IX u X hawn fuq jiġu miġbura flimkien.

L-Istati Membri li, fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 79/65/KEE, jiffissaw għatba ta' daqs ekonomiku ta' azjenda għall-qasam ta' l-istħarriġ tan-*network* tad-*data* tal-konteġġi tal-biedja li ma jikkoinċidiex mal-limiti tal-klassijiet tad-daqs kif muri fuq, għandhom jissubdividu dawn f'sub-klassijiet, li l-limiti tagħhom jikkorrispondu għall-għatbiet ffissati."